MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1285/2003

Michael Attard Limited
vs
Omar Caruana

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi l-konvenut kien accetta u ffirma a favur tas-socjeta` attrici diversi kambjali.

Peress illi l-konvenut illum jinsab debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' tnax-il elf tmien mija u zewg liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm12,802.20) rapprezentanti import ta' hmistax-il kambjala skaduta, accettati u ffirmati mill-konvenut.
Peress illi l-konvenut kien gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu pero` baqa' inadempjenti.

Peress illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tnax-il elf tmien mija u zewg liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm12,802.20) rapprezentanti import ta' hmistax-il kambjala skaduta, accettati u ffirmati mill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati ta' Sekwestru numru 2000/03 u Mandat ta' Qbid numru 2051/03, u bl-imghax kummercjali mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mis-socjeta` attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Dr. Reuben Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Michael Attard Limited ipprezenta affidavit tieghu stess li fih iddikjara li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tas-socejta` attrici u jaf il-fatti kif esposti mid-dokumenti esebiti. Semma li l-konvenut kien accetta u ffirma diversi kambjali u li llum jinsab debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm12,802.20 rapprezentanti import ta' hmistax-il kambjala skaduta. Semma li ghalkemm il-konvenut kien gie interpellat sabiex ihallas id-debitu dan baqa' inadempjenti. Qal li dana d-debitu huwa cert,

likwidu u dovut u l-konvenut m’ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq ghall-hlas tad-debitu.

Xehed Stefan Sacco, Higher Purchase Manager mas-socjeta` Michael Attard Limited u ilu jahdem maghha ghal dawn l-ahhar 16-il sena. Dwar l-ammont pretiz mis-socjeta` imsemmi fic-citazzjoni qal li minn meta giet intavolata c-citazzjoni ma gie mhallas xejn u l-ammont kollu ghadu dovut.

Rat illi ghas-seduta tal-lum il-konvenut mghajjat tliet darbiet ma deherx.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;

Tilqa’ t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tnax-il elf tmien mija u zewg liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm12,802.20).

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------